**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2019**

**Talba Numru: 7/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 32**

**Oscar Coulorey (K.I. 113486(A)**

**Manjoy Flat 5, Block 5,**

**Triq Ananija,**

**St. Paul's Bay**

**Vs**

**Yacht Projects Limited (C-68710)**

**10, Seabreeze,**

**Giuseppe Cali Street,**

**Ta' Xbiex**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fid-09 ta' Jannar, 2017 li permezz tieghu talab li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallsu s-somma ta' elfejn mitejn u disgha u sebghin ewro (€2,279) rapprezentanti kummissjoni ta' hamsa fil-mija (5%) fuq sales ghax-xahar ta' Mejju, 2016 dovuti lilu mis-socjeta' konvenuta liema ammont kellu jithallas sal-ahhar ta' Awwissu, 2016.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta a fol 6 li permezz taghha l-istess socjeta' eccepiet li l-ammont kif pretiz mhux dovut minnha stante li l-attur qed jippretendi li jithallas persentagg ta' profitti meta s-socjeta' intimata ghada ma rceviet 'credit notes' minn fornituri ohrajn li kienu qeghdin jahdmu maghha fuq l-istess klijent u ghalhekk ma hemm ebda profit kif pretiz; li l-attur kien responsabbli sabiex jassikura li jinhargu l-'credit notes' kif rikjesti minn diversi fehmiet ma' fornituri ohra.

A fol 35 et xehed l-attur bil-lingwa Ingliza stante li ddikjara li ma jafx bil-Malti li huwa kien impjegat mal-Yacht Shop b'salarju u commission ta' tlieta fil-mija (3%) u ma' Yacht Projects wahedha a bazi ta' commission bhala Project Manager u kellu commission ta' hamsa fil-mija (5%) fuq il-bejgh kollu. Huwa dam jahdem ma' Yacht Projects Limited mill-01 ta' Mejju, 2015 sal-ahhar ta' Gunju fil-Yacht shop u ma' Yacht Projects mil-ahhar ta' Jannar, 2016 sat-08 ta' Gunju, 2016. Ftehim bil-miktub ma kienx hemm u l-ftehim kien wiehed verbali. Huwa spjega li qed jippretendi l-hlas ta' hamsa fil-mija (5%) commission ta' Mejju stante li skont il-ftehim huwa kellu jithallas din il-kummissjoni fuq il-bejgh kollu (total sales). Huwa spjega li s-sales totali kienu ta' mija u dsatax-il elf disa' mija u disgha u disghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€119,999.34c) (fol 19) u li ghalhekk 5% commission ta' dan l-ammont jammonta ghal hamest elef disa' mija u disgha u disghin ewro (€5,999) u li minnhom thallas tlett elef seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro (€3,721) u li l-kawza qed jaghmilha fuq l-bilanc dovut ta' elfejn mitejn u disgha u sebghin ewro (€2,279). Huwa pprezenta rendikont ta' dawn is-sales (fol 17 et). Il-ftehim kien ma' Karl Borg li huwa Direttur ta' Yacht Projects. Huwa spjega li z-zewg firem a fol 20 huma wahda tieghu u l-ohra tal-istess Karl Borg.

In kontro-ezami (fol 100) l-attur kkonferma li huwa kien jiehu commission minghand Yacht Projects Limited u l-arrangament kien li huwa jkun salesperson ghalihom u ghas-sales li jigu bis-sahha tieghu huwa jithallas 5% commission fuq it-total sales. Huwa cahad li l-ftehim kien li l-5% commission tithallas fuq bejgh li jaghmel il-profitt. Mitlub jispjega kif id-dokument a fol 22 et huwa ddikjara li l-'5% on sales that generated a profit' l-attur spjega li hemm zball ghax l-5% commission kienu fuq it-total sales u mhux fuq il-profitt minn dan il-bejgh.

Kif mitlub huwa spjega li r-rendikont li huwa esebixxa a fol 25 fl-ahhar kolonna tieghu hemm il-commissions dovuta lilu. Mitlub jghid ghaliex qed jippretendi commission fuq l-invoices numru 000226 u 000228, huwa spjega li sa fejn jiftakar 'additional works' ifisser xoghol li kien 'subcontracted to Motherwell Bridge' u l-ftehim kien ma' Motherwell Bridge li fuq ix-xoghol huma jircievu 20% u fuq l-parts jircievu 10%. Dan kien l-arragament li sar maghhom u huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-arrangament.

Meta muri l-invoice 000226 li hija invoice li l-kumpanija irceviet minghand Motherwell Bridge fl-ammont ta' hamest elef seba' mija u tmienja u hamsin ewro (€5,759.58c) u l-invoice mahruga lil Yacht Projects Limited bl-istess ammont, invoice 000228 huwa wiegeb li jista jkun li l-invoice tal-Motherwell Bridge inharget wara li huwa telaq mill-kumpanija. Mitlub jispjega kif setgha sar jaf kemm ser tkun l-invoice tal-Motherwell Bridge l-attur spjega li l-invoice tieghu hija bazata fuq l-quotation ufficjali u l-purchase order rilaxxata mill-klijent u li ghalhekk huwa kien jaf kemm hi l-quotation. Il-procedura kienet li huwa jircievi l-quotation minghand is-subcontractor, huwa imbaghad jibghat l-quotation lil klijent u jinforma lil Karl Borg. Kif din tigi approvata l-klijent jibghatilhom purchase order u kif jitlesta x-xoghol l-ufficcju johrog l-invoice u xogholu jieqaf hemm. Karl Borg kien jiccekja s-sales kollha li huwa cioe' l-attur ikun ghamel u meta jkun hemm kummissjoni dovuta Borg kien jurih xi profitti saru fuq kull bicca xoghol (fol. 104 overleaf). Huwa kkonferma li kif telaq mis-socjeta' konvenuta huwa impjega ruhu ma' Motherwell Bridge.

A fol 59 xehdet Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta li giet mitluba mill-attur tipprezenta kwalsiasi cekk jew cheque image mahrug minn Yacht Projects Limited lill-attur bejn Mejju, 2015 u Lulju, 2016, li spjegat li sakemm hija ma jkollhiex c-cheque number ta' kull cheque hija ma tistax taghti din l-informazzjoni u prezentat il-bank statements tal-kont li ghandha s-socjeta' Yacht Projects Limited ghal perjodu mit-23 ta' Mejju, 2015 sad-29 ta' Lulju, 2016 (fol 42 et). Meta hija regghet xehdet a fol 67 hija prezenta kopja tac-cheque image li taghhom fil-mori nghatat in-numru tac-cheque (fol 63) li jammonta ghal elfejn ewro (€2,000) li hareg fid-09 ta' April, 2016 mill-kont tas-socjeta' konvenuta u pagabbli lill-attur u ssarraf mill-attur. Hija spjegat li dan biss kien pagabbli lil attur mill-erba' cekkijiet li giet mitluba tixhed dwarhom.

A fol 76 l-attur ddikjara li ghalaq il-provi tieghu.

A fol 77 xehed Mark Darmanin Kissaun, Direttur tas-socjeta' konvenuta li kkonferma li l-konvenut kien impjegat ma' kumpanija ohra taghhom bl-istem Yacht Shop Limited u mhux ma' Yacht Projects Limited. Kif intalab mill-konvenuta huwa pprezenta l-FS3's tieghu tas-snin 2015 u 2016 tal-impjieg tieghu ma' Yacht Shop Limited. Huwa zied jghid li oltre dan l-attur ircieva wkoll cekk u li b'kollox huwa ircieva minghandhom is-somma ta' tlettax-il elf u hames mitt ewro (€13,500) u dan minghand Yacht Shop Limited u mhux minghand Yacht Projects Limited. Huwa spjega li l-attur ma kienx impjegat ma' Yacht Shop Limited u kienu jhallsuh kummissjoni jekk jghaddi xoghol lil Yacht Projects Limited.

Darmanin Kissaun spjega li huwa Direttur fiz-zewg kumpaniji. Huwa kien stieden lill-attur imur l-ufficcju biex jispjega fuq liema bazi qed jippretendi dan il-pagamenti izda huwa rrifjuta li jaghmel dan. Huwa spjega li huma qatt ma cahdu li l-attur ghandu jithallas commissions izda li gara kien li ghandhom kumpanija Motherwell Bridge subcontractor taghhom u li din il-kumpanija kienu jqabduha biex taghmel xoghol ghal Project Blue li kien klijent taghhom. Motherwell Bridge kienu johorgu purchase orders lil Yacht Projects Limited u huma kienu back to back johorgu purchase order lil Project Blue. Huwa spjega li ghax-xahar ta' Mejju, 2016 l-attur ma haqqux commission. Id-depozizzjoni giet sospiza sabiex ix-xhud jipprezenta affidavit u jkompli jispjega kif kienet tahdem il-kumpanija konvenuta fir-rigward.

Fl-affidavit tieghu Mark Darmanin Kissaun (fol 112) spjega li l-arrangament mal-kumpanija Motherwell Bridge Industries Limited kienet wahda mill-kumpaniji ta' sub-contractors ta' Yacht Projects Limited. Xoghol l-attur kien li jigbor quote minghand is-sub-contractor imbaghad huwa jivverifika li hemm margini ta' profit fil-prezz kwotat liema margini kienet tinkludi l-profitt ta' Yacht Projects u l-commission ta' 5% lill-attur tinhareg quotation minn Yacht Projects lil klijent ghall-approvazzjoni tieghu. Is-socjeta' Yacht Projects Limited ladarba jsir profit li kien jinkludi il-5% omission kienet thallas commission ta' 5% fuq il-valur tal-fattura lil attur.

Huwa spjega li l-attur ma ghandux jithallas ta' Mejju minhabba li fl-invoices ta' Mejju ta' Motherwell Brdge, irrizulta li din l-kumpanija ma hargitx il-credit notes lil Yacht Projects Limited kif isir ordinarjament u allura effettivament ma kienex gie iggenerat profitt u ghalhekk ebda commission ma hija dovuta. Huwa spjega li l-attur ma jistax jitwemmen ghax l-ewwel ddikjara li huwa jiehu commission ta' 5% fuq il-profitti maghmula bl-intervent tieghu mbaghad biddel il-verzjoni fl-istess affidavit fejn qal li huwa kien jiehu commission ta' 5% fuq sales u fil-kontro-ezami l-attur spjega li kien hemm zball.

Dwar invoice 195 huwa spjega li l-attur kien skorrett ghaliex ta struzzjonijiet biex tinhareg invoice fit-30 ta' April, 2016 bazata fuq 'purchase order' precedenti tad-29 ta' Marzu, 2016 (fol 116) u l-invoice mis-supplier ta kienet ricevuta fis-16 ta' Mejju, 2016 (fol 117 et) cioe' wara. Huwa kien talab lill-attur biex jiltaqghu ghal aktar minn darba biex jispjega ghaliex ma sarux profitti fuq dawn l-invoices u kif kien qed jippretendi l-commission izda l-attur irrifjuta li jiltaq mieghu. Il-Motherwell Bridge ma hargux credit notes fuq ix-xoghol rifless mill-invoices mahruga minnhom numru 195, 210, 217, 220, 221, 226, 227, 228 u 229 li fuqhom l-attur qed jitlob il-hlas ta' commission u li fuqhom Yacht Projects Limited gew imcahda milli jaghmlu profitti fuq dawn it-tranzazzjonijiet.

A fol 119 in kontro-ezami Mark Darmanin Kissaun xehed li la l-Motherbridge ma hargitx il-credit notes lil Yacht Projects Limited kif isr ordinarjament ma kienx hemm profit u ghalhekk l-attur ma kienx intitolat ghal commission. Huwa kkonferma li l-kumpanija qatt ma hadet passi kontra l-attur dwar dan. Wara li l-attur irrizejna huwa qabel li kienu ltaqghu u hallsu lill-attur ammont ta' commission u li skont hu l-attur ma haqqu xejn aktar.

A fol 81(overleaf) Mark Borg kkonferma li l-firma a fol 20 hija l-firma tieghu.

A fol 152 Mark Borg fl-affidavit tieghu xehed li xoghol l-attur kien li jsib kuntratturi ghat-tip ta' xoghol li jkun hemm bzonn isir. Kif il-kuntrattur jiltaqa' mal-attur fuq id-dghajsa l-kuntrattur jibghat quotation lill-attur, l-attur jaghmel il-mark up u jibghatha lil klijent u jekk jaccetta jibda x-xoghol. Wara li jitlesta x-xoghol Yacht Projects tohrog l-invoice lil klijent u meta l-klijent ihallas l-invoice kien hemm arrangement bejn Yacht Shop u Yacht Projects biex tithallas il-commission lill-attur. Huwa spjega li fuq l-invoices li qed jibbaza

t-talba tieghu l-attur cioe' dawk numru 210, 217, 220, 221, 226, 227, 228 ,229 (din tal-ahhar dik li l-attur erronjament rrefera ghalih bhala 126), dawn ma sarux profittu fuqhom u ghalhekk l-ebda commission ma hija dovuta.

Borg spjega li fil-kaz ta' invoice 195 l-attur ta struzzjonijiet biex tinhareg invoice fit-30 ta' April, 2016 bazata fuq 'purchase order' precedent tad-29 ta' Marzu, 2016 mentri l-invoice min-naha tas-suppliers kienet riceuta fis-16 ta' Mejju, 2016. Fuq dawn l-invoices ta' April l-attur thallas hames mija u tlieta u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€583.25c) fuq invoice numru 195 minkejja li dawn ma kienux dovuti lilu. Huwa spjega li mis-somma ta' elfejn mitejn u disgha u sebghin ewro (€2,279) li qed jitlob l-attur hames mija u tlieta u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€583.25c) thallsu lilu zejda u l-bilanc ta' elf sitt mija u tlieta u sittin ewro u wiehed u erbghin ewro (€1,663.41c) ma humiex dovuta.

Rigward cekk numru 435 fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) mahrug minn Yacht Projects Limited dan il-pagament thallas lill-attur bhala 'lump sum in advance' fuq il-commissions tieghu u li mir-records taghhom ma rrizultax li sar 'repayment' fuq dan ic-cekk.

A fol 202 in kontro ezami Mark Borg intalab jispjega kif fl-affidavit tieghu huwa rrefera ghal invoice 195 u xehed li l-attur gie imhallas commission ta' hames mija u tlieta u tmenin ewro u hames centezmi (€583.05c) fuq invoice numru 195 allavolja dawn ma kienux dovuti lilu liema invoice kienet ta' ghaxart elef seba' mija u hamsa u sittin ewro (€10,765). (Fol 153) huwa spjega li jekk kien ghad fadal commissions x'jithallsu dawn mhux dovuti ghax ma sarux profitti u kkonferma li qal fl-affidavit li l-commission li thallas ma kienux dovuti lilu. Huwa kkonferma li skrittura bejn il-partijiet ma kienx hemm.

Fir-ri ezami x-xhud wiehed li l-hlas b'cekk mis-socjeta' Yacht Projects Limited lill-attur kien eccezzjoni u dan gara ghax l-attur kien ser isiefer l-Olanda malajr u kellu bzonn il-flus u l-attur talbu 'cash in advance' u qallu aqtaghhom kontra l-commissions li ghandu jiehu u hekk gara.

Il-partijiet trattaw il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra

Din hija talba ghal hlas ta’ elfejn mitejn u disgha u sebghin ewro (€2,279) bhala 5% commission li l-attur qed jippretendi minghand is-socjeta’ konvenuta ghal sales generati f’Mejju, 2016. Is-socjeta’ konvenuta tikkontendi li dawn il-flus mhux dovuti stante li ma kien hemm ebda qliegh fuq dawn is-sales u l-ftehim mal-attur kien li l-commission tithallas fuq sales li jhallu qliegh. Ta’ dan is-socjeta’ konvenuta tikkwota l-affidavit tal-attur stess fl-ittra ufficcjali bil-procedura tal-Artikolu 166A a fol 22 li fiha jiddikjara li l-5% commission kienet ‘fuq il-profitti’.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat ma’ Yacht Shop Limited u kien jithallas commission ghal kuntratturi li jgib lis-socjeta’ konvenuta Yacht Projects Limited, liema kuntratturi jaghmlu ordni ta’ xoghol u jibghatu quote lill-attur, l-attur jaghmel il-mark up u jibghatha lil kuntrattur u jekk dan jaccettaha jibda x-xoghol u kif jitlesta s-socjeta’ konvenuta tibghat l-invoice u kif tithallas mill-kuntrattur jithallas 5% commission l-attur. Illi kif gie dikjarat fis-sentenza “George Bugeja vs Joseph Meilak” moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal- Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2003: “Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbilitajiet.

Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli”.

Mir-rendikont prezentat mill-attur a fol 17 et fiha l-attur isemmi l-profitti li ghamlet il-kumpanija fuq kull ordni u kif wasal ghall-ammont ta’ kummissjoni mitluba f’din il-kawza. Fejn ma kienx hemm profitti l-attur ma nizzel xejn f’dak li huwa dovut lilu fl-istess rendikont fol 17 et.

Minn fol 17 l-attur isemmi l-kummissjoni hija dovuta fuq cash sales (li prova ta' dan ma saritx), invoices 207, 208, 209, 210, 211, 212, 213, 214, 215, 217, 220, 219, 221, 224, 225, 226, 227, 228, 126, 233, 234 u delivery notes (prova ta' dan ma saritx),

Illi id-dokumenti esebiti mis-socjeta' konvenuta stess jirrizulta li:

Invoice 210 a fol 210 tal-process fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u hamsa u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€5,475.20c). Erbat elef sitt mija u erbghin ewro (€4,640) plus vat jirrizulta minn fol 164 u 166 li l-kumpanija ma ghamlitx qliegh.
Invoice 217 a fol 167, ukoll jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ccargjat l-istess ammont mitlub minn Motherwell Bridge; invoice 220 a fol 170 l-istess, invoice 221 a fol 172 l-istess, invoice 226 a fol 175 ukoll jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ccargjat l-istess ammont mitlub minn Motherwell Bridge; l-istess invoice 227 a fol 181 ukoll gara hekk; l-istess invoice 228 a fol 185; u anke invoice 229 a fol 189 li minnhom jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma ghamlitx profit. Dwar l-invoice 195 il-partijiet jaqblu li fuq din l-invoice l-attur kien thallas il-kummissjoni dovuta lilu.

Izda dwar l-invoices l-ohra imsemmija ma ngabet ebda prova.

Jonqos biss ghalhekk li dan it-Tribunal jirrelata dwar jekk il-kummissjoni dovuti hix fuq sales kif jikkontendi l-attur jew fuq profitti kif tikkontendi s-socjeta' konvenuta.

Skont is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet 'Anthony Degiorgio vs Stephen Degiorgio':
"Huwa ferm logiku illi l-intitolar ghall-kummissjoi ma tiskattax awtomatikament ghax sempliciment jigi demostrat illi l-ftehim negozjali gie finalizzat. Kif tghallem il-gurisprudenza biex medjatur ikollu dritt ghal senserija jew il-kummissjoni appattwita hu jehtieglu juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi kien hu li wassal il-partijiet ghall-ftehim definittiv fuq il-kundizzjonijiet kollha, sostanzjali u accidentali ta' l-operazzjoni. (Ara Kollezz Vol. XXXVI p II p 394, Vol. XXXVII p I p 89 u Vol. XLII p II p 1135 fost bosta ohrajn)."

Jirrizulta li l-ammont mitlub jemani minn ordnijiet maghmula minn Motherwell Bridge kumpanija li kellha kuntratt mas-socjeta' konvenuta u mhux kumpanija li gabet ix-xoghol lis-socjeta' konvenuta bis-sahha tal-attur.

Inoltre mill-provi prodotti jirrizulta car li l-attur ma ghandux ragun kemm minhabba dak li kien iddikjara bil-gurament tieghu fl-ittra ufficjali bil-procedura tal-Artikolu 166A cioe' li dawn kienu kummissjoni fuq il-profitti kif ukoll kif jirrizulta mir-rendikont prezentant mill-attur stess f'din il-kawza a fol 17 et fejn huwa jibbaza l-kummissjoni dovuta fuq il-profitt maghmul tant li fejn ma sarx profit huwa ma jippretendi xejn u dan kif jirrizulta minn l-istess dokument.

Inoltre l-invoices kollha imsemmija mill-attur fir-rendikont tieghu a fol 17 et ma gewx prezentati u dawk li gew prezentati juru li s-socjeta' konvenuta ma ghamlitx profitt f'dawk l-okkazzjonijiet.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**